MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Numru. 771/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri;**
**Spettur David Saliba**

**VS**

**Lawrence Attard, iben Carmel u Giorgina nee' Grech, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar l-10 ta' April, 1964, residenti fil-fond Belmont Hotel, Triq l-Imrabat, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' numru 15064G;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Lawrence Attard** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999, u f'dawn l-ahhar xhur qabel din id-data:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat mir-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Oridnanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali esklussiv tieghu;

c. U aktar talli f'xi hin fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew

b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Theresa Agius, mir-Rahal Gdid;

d. U aktar talli huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali, taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinsab htija, u cioe':
L-Artikoli 225, 49, 50, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll illi moqrija l-istess, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza, u ezaminat b'mod partikolari l-evidenza prodotta.

Ikkonsidrat:

Illi l-fattispecie ta' din il-kawza huwa s-sejbien ta' kadavru ta' certa Theresa Agius, liema kadavru kien marbut, gol-ibhra ta' Delimara. Gie allegat illi din Agius intefghet il-bahar wara li sofriet overdose wara li giet ingettata b'eroina minn wiehed imsejjah iz-Zikizokk. Gie allegat illi kien l-imputat illi fil-fatt biegh id-droga fatali lil din Agius.

Xehdu ghalhekk diversi ufficjali tal-pulizija dwar din l-investigazzjoni.

Senjalament l-Assistent Kummissarju John Rizzo, dak iz-zmien xehed li fuq investigazzjoni ta' tfajla - certa Theresa Agius, rapurtata nieqsa, wara li kien intlemah kadavru 'l barra minn Delimara, u darba li dan ittella' u saru d-debita identifikazzjonijiet, irirzulta li fil-fatt kien il-kadavru tan-nieqsa. Iddeskriva l-istess kadavru bhala wiehed marbut b'cinga tan-nylon ta' kulur blu, marbut dan il-kadavru minn

wara minn l-idejn u s-saqajn. Xehed illi gie maghruf anke minhabba l-istat avvanzat ta’ dekomposizzjoni, mit-tattoos, crieket, u hwejjeg. Qal illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija wassluhom ghal informazzjoni li Theresa Agius kienet ghamlet jew ahjar giet overdosed meta kienet hadet id-droga ma’ certi persuni, semma lil certu Pawlu Micallef (il-Body Builder). Qal illi dan meta gie mitkellem, irrilaxxa stqarrija li anke gguramenta quddiem il-Magistrat tal-Ghassa. Giet mitkellma wkoll certa Filippa Chircop, illi wkoll aktar tard igguramentat l-istqarrija taghha. Zied illi kemm Micallef kif ukoll Chircop, mal-ewwel arrest ma kinux qalulhom il-verita’, u li biss wara li l-pulizija rrinfaccawhom b’certu evidenza li kienu, skondtu, ikkoperaw maghhom.

Xehed illi allura mill-informazzjoni, waslu ghall-arrest ta’ Lawrence Attard l-imputat.
Xehed dwar l-istqarrija rilaxxata mill-istess Attard, liema stqarrija giet ezebita fl-atti mill-Ufficjal Prosekutur bhala Dok CM a folio 33.

Varji kienu ghalhekk in-nies mitkellma mill-pulizija u x-xhieda mressqa. Jinghad illi x’uhud minnhom, minhabba proceduri relatati mal-istess mewt ta’ Theresa Agius, ghazlu biex ma jixhdux.

Ingab ghalhekk jixhed Pawlu Micallef. Qal illi bejn it-2 ta’ Ottubru, 1999, ghall-habta tal-10.00pm, hu kien mar jitlob id-droga lil Theresa Agius, dan ghaliex kien jaf illi hi kienet drug addict ukoll. Qal illi din kienet qaltlu li hi kienet xtrat droga dakinhar minghand Wenzu l-Ghawdxi. Qaltlu li kienet xtrat tliet pakketti minghand dan l-Ghawdxi li kien ghalih l-imputat prezenti fl-Awla. Mar ghalhekk ghand l-imputat fil-fond Plymouth Flats, fejn dan kien joqghod ma’ certu Filippa Chircop u binha. Kompla li darba f’dan il-fond, kien staqsa lill-imputat kellux smack, wiegeb iva u kien xtara minghandu pakkett ta’ Lm10.00. Qal illi sussegwentement huwa kien sab lil Theresa f’Testaferrata Street u talabha jekk setax jiehu l-eroina fil-flat taghha. Din wegbitu fl-affermattiv, u ghalhekk telghu johduha hu, Theresa, u certu wiehed jismu Joseph imsejjah iz-Zikizokk. Iddeskriva kif dan Joseph qata’ l-foil ghalih u

ghal Theresa, qal illi Theresa kienet tiehu d-droga fil-vina, kif ukoll illi ftit qabel Theresa Agius kienet hadet 8 pilloli msejhin Dalmain Dan raha taghmlu hu. Qal illi ghalih Theresa kienet gia' mdamdma minhabba dawn il-pilloli. Ra lil dan Joseph jinjettalha d-droga, u ra li wara ftit sekondi li ttaqqbet, Theresa bdiet titbengel u waqghet mal-art. Qal li qabad u telaq 'il barra.

Halla liz-Zikizokk hemm u lil Theresa storduta mal-art. Ghalih din Theresa ma kinitx qed tiehu nifs, tant illi hu liz-Zikizokk kien qallu li kien jahseb illi kienet mejta, imma dan kien merieh.

Zied illi hu kien gieli ra lil dan Joseph jinjetta lil Theresa ghax hi ma kinitx taf kif.

In kontro ezami kkonferma li kien ra rahwa hierga minn halq Theresa. Ikkonferma li kien hu li dakinhar kien staqsa lil Theresa minn fejn seta' jinqeda; kif ukoll illi kien ilu disa' snin jiehu d-droga, u ghalhekk kien jaf minn fejn kellu jinqeda.

Ikkonferma li hu kien jaf lil Filippa Chircop u lit-tifel taghha. Innega pero li hu qatt xtara droga minghand Filippa Chircop li kienet tghix mal-imputat. Ikkonferma pero li kien jaf li binha kien jiehu d-droga, mhux pero li kien ibieghha. Ikkonferma wkoll illi hu, Theresa, u Simon it-tifel ta' Filippa, gieli hadu d-droga flimkien ghand dan Simon, tant illi qal illi kienu jhalltu u jaqsmu l-istess droga. Innega li Filippa kienet tkun prezenti ghal dan. Ikkonferma li d-droga li kienu jixtru minghand l-imputat, kienu jikkonsmawha ghandu stess, cioe' ghand Lawrence Attard.

Qal dwar dan illi meta hu, Theresa, u Simon kienu jiehdu d-droga fil-post ta' Filippa, kienu jaghmlu dan dejjem fil-kcina. Qal illi ghal dan it-tehid ta' droga, Filippa qatt ma kienet tkun prezenti, pero l-imputat gieli kien ikun jew jippakkja l-pakketti tal-smack jew jiehu d-droga wkoll (folio 44).

Qal illi qabel il-mewt ta’ Theresa hu kien ilu jixtri droga bejn xahar u nofs qabel, minghand Lawrence Attard, l-imputat (folio 45).

Ghandu wkoll jigi precizat f’dan l-istadju, illi d-Difiza kienet talbet illi l-istess Pawlu Micallef kellu jigi ezaminat ghal kwalsiasi nfluenza ta’ droga li seta’ kien taht l-effett taghha waqt id-deposizzjoni.

Il-Qorti kienet laqghet dik it-talba, anke biex jitnehha kwalunkwe dubbju dwar dan. L-istess Pawlu Micallef fil-fatt fl-istess gurnata kien rega’ gie riprodott u kien ikkonferma li hu dik il-gurnata stess, kien filghodu ha l-methadone.

Aktar tard ghalhekk kien xehed Dr Michael Sammut, appozitament mahtur, illi kien ikkonkluda hekk, a folio 214: “*Il-fatt illi fl-urina nstabet id-droga kokaina fl-istat mhux metabolizzat, jindika li din id-droga giet uzata ftit sieghat qabel ittiehed il-kampjun. Peress illi ma nstabitx kodaina jindika izjed l-uzu ta’ eroina, izda l-fatt illi fl-urina ma nstabitx il-metabolite intermedjarju bejn eroina u morfina (Monoacety, Morphine), jindika li l-eroina setghet giet uzata granet qabel ittiehed il-kampjun.*” (Dok MS folio 213).

Waqt ix-xhieda tieghu Dr Michael Sammut qal ukoll, fuq mistoqsijiet tad-Difiza, illi nonostante li tali nfluwenza tista’ tirrendi il-fakoltajiet mentali impaired, biex wiehed ma jghidx il-verita’ m’hemmx ghalfejn tkun under the influence – cioe’ jekk wiehed jigdibx jew le, ma kinx konklussiv mill-impairment (folio 212).

Ghandu jinghad ukoll illi l-istess xhud, maghmula din it-talba mid-Difiza waqt id-desposizzjoni tieghu, cioe’ li jigi ezaminat ghal tehid ta’ sustanzi lleciti, ma oggezzjonax ghall-istess talba.

Minn naha taghha Josette Camilleri, mibghuta minn Dr George Gatt, dejjem minhabba l-kontestazzjoni li d-Difiza ghamlet fil-konfront tax-xhieda ta’ Pawlu Micallef, xehdet illi hu kien fil-fatt ha d-doza tal-methadone, fil-gurnata tas-

16 ta’ Novembru, 1999, bejn is-7.00am u s-2.00pm (allura l-gurnata li huwa xehed viva voce quddiem din il-Qorti kif preseduta).

Terz iehor illi ngab jixhed kien certu Nathaniel sive Natal Bonello. Qal dan illi f’gurnata fix-xahar ta’ Ottubru, l-gharus tieghu – Paul Micallef, qallu li kien ser imur jiehu pakkett eroina. Wara jghid illi Pawlu qallu li hu u Theresa flimkien maz-Zikizokk, hadu l-eroina u li z-Zikizokk ta daqqa ta’ eroina lil Theresa, u li din intilfet minn sensieha. Pawlu telaq ghax beza’. Jghid illi ghalkemm kien jaf illi Pawlu kien jiehu d-droga, ma kinx jaf minn fejn kien jixtri. Qal ukoll illi hu gieli ra liz-Zikizokk jaghti d-droga lil Theresa. Kien jaghtieha d-droga bil-labra. Kien jinjettaha hu skondtu ghax hu biss kien isibilha l-vina. Qal illi hu kien habib ma’ Theresa meta kien johrog ma’ Pawlu Micallef. Qal illi l-istess Pawlu Micallef kien qabel ukoll johrog mal-istess Theresa. Zied illi Pawlu lilu qallu bl-istorja ghall-habta tat-3.00am, u cioe’ fi kliemu “*Qalli li hu kien xtara pakkett, iz-Zikizokk kien ta daqqa lil Theresa Agius u waqaghtlu mal-art, u Pawlu telaq ghax beza’.*” (folio 49).

Anke Joseph Sammut kien irrilaxxa stqarrija lill-pulizija, illi ghazel illi jikkonferma bil-gurament. Xehed illi Pawlu Micallef lilu kien qallu li kien iltaqa’ ma’ Theresa u z-Zikizokk u fil-flat flimkien hadu droga, aktarx smack; illi lil Theresa Agius kien tahielha z-Zikizokk, u li Theresa ixxejkjat tnejn u mietet. Jghid dan ix-xhud illi lilu Pawlu ma kinx qallu minn fejn kien xtara d-droga. Zied illi hu kien ilu jaf lil Pawlu ghal xi erba’ snin, u li kienu jiltaqghu hdejn id-Detox it-Tnejn biex jiehdu l-methadone.

Terz iehor illi ttella’ jixhed kien certu Walh Dawh, dan aktar fil-konfront ta’ min kien direttament responsabbli ghall-mewt ta’ Agius.  Qal illi fiz-zmien illi ddepona kien jghix ma’ Filippa Chircop. Qal - pero hawn il-Qorti zzid illi dan huwa kollu detto del detto, illi xi hadd kien qal lil Filippa li kienet qalet lilu, li certa Josephine kienet rat il-mejta mkebba fil-lozor u qeghdin ittellguha fuq il-bejt.

Rodney Vella minn naha tieghu wkoll ikkomferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Qal illi hu

kien jaf sew lill-mejta, stante li qabel anke kien johrog maghha. Zied illi fl-4 ta' Ottubru, wara li ghebet Theresa, hu ghall-habta tal-11.00am, kien hdejn id-Detox u mar hdejh Joseph Azzopardi, maghruf bhala z-Zikizokk. Sema' lil dan jghid illi hu u Charlie t-Tobbie kienu telghu l-flat fejn kienet tahdem Theresa l-Gzira, sabu t-toilet maghluq minn gewwa, u hasbu li kienet mejta. Qallu wkoll dan iz-Zikizokk illi mill-flat ta' Theresa, hu u t-Tobbie kienu hadu xi flus kif ukoll illi l-lejl tal-1 ta' Ottubru, kien anke nizzel lil Theresa l-Gzira biex toqhob, illi hekk ghamlet is-somma ta' Lm140.00, u li marru ghalhekk jinqdew bi tliet pakketti eroina hdejn id-dar taghhom. Qallu li hu kien hareg id-droga u li Theresa kienet ittaqqbet u li konsegwentement kienet giet overdose. Qallu li kien nesa l-pirmli, li beda jaghtieha fuq wiccha biex tigi f'taghha, u li anke mar jigri jgib xi pirmli mill-ispizerija.

Moqri lilu anke l-statement guramentat, qal illi kien jibza' minn xi vendikazzjoni ta' dan iz-Zikizokk. Ikkonferma li Theresa wahidha ma kinitx tittaqqab ghax qaltlu hi stess.

Qal illi dak li kien qed jghid, qalulu z-Zikizokk. Zied illi hu lil Lawrence Attard ma kinx jafu, u li kien qieghed jarah l-ewwel darba. Zied ukoll illi hu qatt ma kien sema' lil xi hadd jghid illi kien xtara droga minghand l-imputat. Zied illi lanqas semma b'ismu meta z-Zikizokk kien qed ikellmu.

Xehdet fit-tul Filippa Chircop. Qalet illi hi kienet ilha taf lill-imputat ghal dawn l-ahhar tminn snin, li kien imur ghandha l-Gzira u jitlaq.

Anke din ikkonfermat l-istqarrija minnha rilaxxata quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dwar dak li okkorra fil-lejl tat-2 ta' Ottubru, 1999, ghall-habta tan-00.30am, qalet illi hi dahlet torqod, maghha kien hemm l-imputat. Habbat il-bieb u sabet lil Pawlu l-Body Builder. Qalet lil Wenzu li riedu, u dan hareg ikellmu. Semghet lilhom jitkellmu, u semghet lil Pawlu jghidlu kellux xi wiehed, fehmet pakkett droga. Xehdet illi Wenzu dahal fil-kamra tas-sodda u li minn hemm, mill-kexxun tal-komodina tan-naha tieghu, hareg qartas tal-eroina. Wenzu skondtha ta l-pakkett lil Pawlu. Lilha Wenzu anke qallha li dak il-lejl kien biegh erba'

pakketti – wiehed lil Pawlu u lil Theresa, u li kien akkwista erbghin lira Maltin. Raqdet sa filghodu. Ziedet li meta marret Theresa tixtri ma semaghthix. Ziedet illi hi fil-post kellha t-tul. Qalet illi kienet qed tghid dan kollu mhux ghax riedet tikxef lil Wenzu meta ma riditx tehel hi. Qalet illi hi lil Theresa dak il-lejl ma ratha qatt, dan nonostante li qabel kienet qalet li rat lit-Tobbie ghall-habta tas-siegha ta' filghodu jaghtieha tliet condoms. Qalet li dan kienet qalitu biss ghax kien gieghlha t-Tobbie tghid hekk, imma li fil-verita' ma kinitx ratha dak il-lejl. It-Tobbie kien Charles Debono.

Ikkonfermat illi hi gieli rat lil Theresa tiehu xi haga minghand l-imputat. Taf li darba kien bieghilha xi haga, pero ma kinitx taf x'kienet. Fuq struzzjonijiet ta' dan it-Tobbie, kellha tghid ukoll illi fil-lejl li naqset Theresa Agius, hi kienet rat liz-Zikizokk isuq il-vann tieghu, idur darbtejn u wara baqa' sejjer dritt. Dan kellha taghmlu biex tghin liz-Zikizokk.

Insistiet illi dak il-lejl hi kienet rieqda.

Ikkonfermat illi kellha tghid illi semghet lil Theresa titlob erba' condoms lil Charlie, u li daret wara l-pompa tal-petrol. Insistiet pero li fil-verita' ma kienet rat xejn. Lanqas ma kienet rat liz-Zikizokk idur bil-vann kif kienet qalet fuq suggeriment tat-Tobbie. Indunat x'kien gara meta semghet l-ahbarijiet li kienu sabu lil Theresa mejta, u hasset b'hekk illi kienu qed ideffsuha fin-nofs. Ghalhekk ammettiet li meta qalet il-verzjoni tal-condoms u li rat liz-Zikizokk idur, ma kinitx qalet il-verita'.

In kontro ezami qalet illi peress illi kien ghadda hafna zmien minn meta ddeponiet (circa ghaxar snin) u minhabba mard u tehid ta' pinnoli, kienet tinsa hafna. Kienet fil-fatt taht il-kura psikjatra ta' Dr Joseph Spiteri. Ikkonfermat pero li kellha relazzjoni mal-imputat, ghalkemm ma kinitx taf ghal kemm tul.

Innegat pero li hi qatt bieghet xi pilloli, drogi. Ikkonfermat (anke ghax giet hekk misjuba hatja u wara hafna tqanzieh ghax ma kinitx tiftakar) illi hi kienet wehlet il-habs talli

kienet tat droga lil certu Clare Borg. Baqghet pero insistenti li hi qatt ma qdiet lil hadd bid-droga, u li d-droga kienet instabet id-dar ta' Clare. Apparti li baqghet insistenti li hi qatt ma bieghet droga, ziedet, mistoqsija jekk l-imputat qatt bieghx droga jew kellux x'jaqsam mad-droga: "Hu gieli biegh. Meta ma bieghx kien jigri maghha." (folio 577) Hawn kienet qed taghmel referenza ghal Theresa. Qalet ukoll illi l-imputat gieli kien johrog mal-mejta. Ziedet ukoll illi meta l-imputat kien jghix maghha, "Hu meta gie mieghi hu kien jaf xi jhawwad u jgerfex." (ibid).

Mistoqsija jekk qatt l-imptuat bieghx droga, wiegbet "Jien minn dak iz-zmien 'l hawn ma niftakarx." (folio 578).

In ri-ezami ftakret illi kienet ghamlet stqarrija mas-Sur Rizzo, pero ma ftakritx il-kontenut tal-istess. Meta l-Prosekuzzjoni fakkritha fuq li qalet - li kien Pawlu ried lil Wenzu, li Pawlu staqsa lil Wenzu jekk kellux xi wiehed, li Wenzu mill-komodina kien hareg qartas eroina; wiegbet u baqghet hekk twiegeb – illi hekk kien la kienet qalitu, li hekk kien la kien qed jinqara lilha dak li hi kienet xehdet.

Mistoqsija mid-Difiza jekk fuq dak li kienet qed taqralha l-Prosekuzzjoni, kinitx tiftakar kif graw l-affarijiet, wiegbet "Ma niftakarx." (folio 382).

Ghandu jinghad ukoll f'dan l-istadju, illi x-xhieda guramentata tax-xhieda hawn prodotti tinsab inkorporata fil-process verbal, l-Ingenera kondotta mill-Magistrat Inkwirenti Dr Joseph Cassar, ezebit f'dawn il-atti bhala Dok JG.

Kif gia' ntqal, il-kadavru tal-mejta Theresa Agius gie mtella' mill-ibhra Maltin 'il barra minn Delimara. Minn hemm ittella' l-kadavru marbut, kif deskritt fix-xhieda tal-Ispettur David Saliba, ukoll involut f'din l-investigazzjoni b' "*hook and tie knot"* (folio 74). L-irkupru tal-kadavru gie kien deskritt fix-xhieda moghtija fl-atti mill-Bombardier Raymond Ciantar, il-Bombardier Joseph Gatt, u l-Bombardier Roger Mulvaney (folio 232, 236, 238).

L-istess kadavru gie ben identifikat bhala dak tan-nieqsa Theresa Agius mill-genituri taghha Carmel u Mary Agius (folio 251, 262), u ohtha Charmaine Agius (folio 266).

Minn naha taghha l-kugina tal-mejta - certu Graziella Agius, ikkonfermat illi hi kienet gieli rat lil Joseph Azzopardi fil-kumpanija ta' Theresa Agius u dan fis-sena 1999 (cioe' s-sena li giet nieqsa l-istess Theresa).

Kif solitament isir fl-Ingenere, gew nominati diversi esperti (li allura wkoll xehdu f'din l-Istruttorja, fuq talba tal-Avukat Generali). Senjalament xehdu l-Profs Marie Therese Camilleri, il-Profs Victor Axiaq, Dr Mario Scerri, u Dr Scott-Ham - ilkoll dwar ezamijiet li saru fuq il-kadavru tal-mejta Theresa Agius.

Ghalhekk ir-rapport tal-patologisti l-Profs Marie Therese Camilleri u Dr Bridgite Ellul, ikkonluda hekk:

"*1. This body of a young female, has been identified as Theresa Agius from the following:*

*a. the general build*

*b. identification of the clothing and the anklet*

*c. identification of the tattoos*

*d. presence of an appendicectomy scar.*

*1. There is no evidence to indicate whether she was alive or dead in the water.*

*a. A positive diatom test would indicate she was alive in the water, although she could have still been unconscious.*

*b. Histological examination has excluded the possibility of survival for at least four hours after tying her with rope because of the absence of deep reaction below the rope marks, which would only be apparent if the person lived for four to six hours after infliction of the injuries. Earlier death cannot be excluded since decompostion is too advanced for histological confirdmation of eardly changes that indicate antemortem abrasions from the rope.*

*2. There is no evidence of traumatic injuries to the body, and the loss of skin, particularly in the neck is due to marine predators, but*

*a. There is absence of the neck skin and strangulation by ligature cannot be excluded*
*b. There are no cranial contents to exclude a head injury.*

*3. The cause of death cannot be ascertained from the autopsy findings but*
*a. Drowning cannot be excluded since decomposition is too advanced to expect to find the corroborative lung changes*
*b. Drug related death cannot be excluded from the autopsy findings even though direct examination and histological tests have not identifed an injection venepuncture mark*
*c. There is absence of the neck skin and strangulation by ligature cannot be exluded, the way in which the rope was tied would result in strangulation on movement of the hands and legs, when the tied individual attempts to move*
*d. There are no cranial contents to exlude a head injury.*

*4. The of death:*
*The state of decomposition of the body, and considering the changes due to immersion of the body, is in keeping with death occurring approximately fifteen days prior to recovery of the body.*"

Vide ghalhekk id-dokument Dok CE a folio 148.

Minn naha tieghu l-Profs Hector Galea, ikkonkluda fid-dokument Dok HG a folio 120 – 122, illi:

"*The corpse is that of a young adult female. The features of the skull and teeath are Caucasian. The number of teeath erupted, the state of development of the root apices of the teeth (including the amount of sclerotiic dentine) is compatible with the age of 20 years. The maxillary third molars (which were not found) had (from an examination of the radiographs) erupted into occlusion during life.*

*There were some facial asymmetry related to a deviation of the nose to the left. She had a prominaent bone structure, with prominent facial features, and her evenly placed upper incisors were not spaced but may have appeared slightly prominent although covered by her lips. From an examination of the attrition facets on the maxillary teeath I can also state that her lower jaw may also have been prominent and the lips competent.*

*There were not fractures and pathological lesions in the maxillo-facial region.*

*There was untreated periodontal disease and the teeth were dicoloured pink/purplish. The discolouration was pronounced in the teeath anterior to the maxillary second molars (the latter teeath approximated a normal range of colour).*

*The discolouration remained following cleaning of the skull with a cholorinated solution (in order to dissolve the soft tissues). I concluded that the generalised pink discolouration of the tooth enamel was therefore intrinsic and not due to for example the growth of halogenic bacteria during immersion in the sea.*

*'In some bodies the teeeth acquire a pink to purple discolouration which clearly represent a post-mortem change. Our knowledge of this phenomenon is still incomplete, but the evidence suggests that pink teeth are not apparent in the first one and a half to two weeks after death. It has been suggested that violent death such as strangulation may raise the venous pressure immediately before death to such an extent that small capillaries in the pulps of the the teeth rapture releasing red blood cells into the pulp and possibly into the dentinal tubules. In forensic practice this phenomenon is most frequently sseen in victims of drowning, in whom the head frequently lies in a dependent position. The subseqently developing pink teeth may be analogous to post-mortem lividity stains at the most dependent parts of body.' (Whittacker D.K and MacDonald D.G.A Colour Atlas of Forensic Dentistry Illustrations 183, 184).*

*I would like to add that intrinsic discolouration of the teeth of this hue may be encountered under various circumstances including trauma, dental caries, the administration of certain therapeutic agents, and generalised disorders of metabolism. Sudden asphyxia can also occur during drug abuse.*"

Minn naha tieghu Dr Mario Scerri kien gie mahtur anke biex jiehu l-kampjuni mehuda minn fuq gisem il-mejta ghal ezami tossikologiku gewwa l-laboratorju esteru "Forensic Science Service Metropolitan Laboratory", ezamijiet specifikatament maghmula mill-espert nominat Dr Michael Scott-Ham B.Sc. Ir-relazzjoni ta' dan it-tossikologista giet inkorporata u mehmuza ma' dik ta' Dr Mario Scerri, Dok MS1. Dan l-espert aktar tard xehed anke viva voce fil-kumpilazzjoni in ezami.
Ikkonkluda hekk:

"*1. Therese Agius had used or been administered heroin and or morphine at some time prior to her death. It is not possible to say when or how much. Therefore is it nos possible to say whether or not such drugs caused her demise.*
*2. Screening tests for a number of other drugs gave positive results but no tests were carried out to attempt to confirm whether such results were genuine. Given the state of the samples it is likely that at least some of the results are of a false positive nature. However, without further tests I am unable to exlude the possibility that she had used or been administered amphetamine, 'Ecastasy'-like drug, cocaine, methadone, or benzodiazepine drugs.*
*3. It is possible that Therese Agius had used cannabis/cannabis resin at some point prior to her death although this was not confirmed. Even if she had used the drug it is unlikely that it would have played a significant part in her demise.*"

Dr Mario Scerri, fir-rapport tieghu ikkonkluda hekk:

"*Illi wara li l-esponent attenda Haywharf fejn iddahhal il-kadavru ta' Theresa Agius;*

*Illi wara li ezamina l-kadavru fuq il-post u osserva li l-kadavru kellu idejh u saqajh marbutin b'habel tan-nylon kif gie deskritt aktar 'il fuq;*
*Illi wara li kompla bl-ezami tieghu fuq il-kadavru fil-kamra mortwarja tal-Isptar San Luqa;*
*Illi wara li attenda ghall-awtopsja li saret fuq il-kadavru;*
*Illi wara li ddiskuta l-kaz mal-esperti koncernati, inkluzi l-Professuri Hector Galea u Victor Axiaq;*
*Illi wara li l-esponent mar personalment Londra sabiex jikkonsenja kampjuni tal-fwied, kliewi u muskolu lill-espert tossikologista Michael Scott-Ham;*
*Illi wara li studja r-rizutlat tal-espert tossikologista u ddiskuta r-rizultati tal-espert Professur Victor Axiaq, jikkonkludi:*
*1. Illi l-kadavru li gie mtella' mill-bahar 'l barra minn Delimara nhar it-12 ta' Ottubru, 1999, kien dak ta' mara li kienet liebsa dublett qasir illi kien imtella' 'l fuq, flokk bic-cingi u brassiere;*
*2. Illi l-kadavru kellu jdejh u saqajgh marbutin b'habel tan-nylon blu li kien ukoll imdawwar madwar l-ghonq;*
*3. Illi l-katavru kien fi stat ta' dekomposizzjoni u kellu layer ta' adepocere;*
*4. Illi mid-dekomposizzjoni tal-kadavru u mill-fatt illi l-katavru kien miksi b'layer ta' adepocere l-indikazzjonijiet preliminari kienu li l-katavru kien ilu fl-ilma madwar xahar*
*5. Illi mill-sutures tar-ras illi kienu ghadhom mhux fused, l-esponent ha l-idea li l-kadavru kien ta' mara ta' madwar 25 sena;*
*6. Illi s-soft tissue ta' fuq il-wicc kien nieqes u l-mandible ma kinitx prezenti;*
*7. Illi identifikazzjoni vizwali mill-wicc ma kinitx possibbli;*
*8. Illi fuq il-kadavru kien hemm sinjali ta' gdim kompatibbli ma' gdim u nibbling tal-hut;*
*9. Illi ma kinx hemm sinjali ta' vjolenza (cioe' daqqiet ovvji) fuq il-kadavru;*
*10. Illi fuq id-dahar, fuq l-aspett posterjuri tad-dirghajn, fuq l-aspett anteromedjali tal-idejn, fuq il-glutei u l-aspett laterali tal-pala tas-sieq ix-xellugija u l-aspett laterali tal-pala tas-sieq il-leminija kien hemm pronounced stained hypostasis with marked decomposition indikazzjoni li l-*

*kadavru ghamel zmien twil wiccu ‘l fuq u marbut b’dik il-posizzjoni;*

*11. Illi fuq il-parti ta’ fuq tan-naha tal-lemin tad-dahar cioe’ fuq il-gewnah tal-ispalla l-leminija kien hemm tattoo li giet fotografata, enhanced u studjata bir-reqqa;*

*12. Illi fuq din it-tattoo kien hemm tliet ittri VIO;*

*13. Illi kien hemm curkett fl-ewwel seba’ tal-id il-leminija li gie fotografat;*

*14. Illi kien hemm tattoo fuq iz-zaqq;*

*15. Illi minn dawn kif ukoll mill-hwejjeg illi kienet liebsa kien hemm indikazzjonijiet illi l-kadavru seta’ kien ta’ Theresa Agius;*

*16. Illi qalziet ta’ taht ma nstabx fuq il-kadavru;*

*17. Illi mill-mod li l-kadavru kien marbut ma kinx possibbli li l-qalziet ta’ taht hareg minn postu sakemm dan ma giex imcarrat minn fuqha. Ghalhekk huwa possibbli li Theresa Agius jew il-kadavru taghha ma kinitx libsa qalziet ta’ taht meta giet marbuta;*

*18. Illi identifikazzjoni xjentifika tal-kadavru saret permerzz tal-impronti tas-swaba mill-espert tal-impronti digitali s-Surgente Joe Mallia;*

*19. Illi mill-awtopsja ma setghetx tinghata stampa cara dwar il-kawza tal-mewt ta’ Theresa Agius;*

*20. Illi detailed dissection tal-vini superficjali tal-estremitajiet superjuri zvelat illi kien hemm evidenza ta’ puntura friska fuq wahda mill-vini superficjali fuq id-dorsum tal-pala tal-id ix-xellugija;*

*21. Illi minn ezamijiet li ssugerixxa l-esponent u li gew ezegwiti mill-Professur tal-Marine Biology Victor Axiaq kien hemm indikazzjonijiet illi Theresa Agius kienet diga’ mejta meta din intefghet il-bahar;*

*22. Illi mir-rizultati tal-ezamijiet tossikologici li gew kondotti Londra fuq kampjun tal-fwied instabet il-presenza ta’ morfina/morphine glucoronide;*

*23. Illi morfina hija r-rizultat tal-breakdown tal-eroina fil-gisem u din il-morfina tifforma morphine glucoronide in kombinazzjoni ma’ sustanza tal-gisem;*

*24. Illi presenza tal-morfina/morphine glucoronide hija ndikazzjoni li wiehed ikun ha jew xi pilloli jew mistura tal-morfina, jew injezzjoni tal-morfina jew injezzjoni t’eroina jew xi pilloli tal-kodeina;*

*25. Illi din tal-ahhar giet eliminata mill-ezamijiet li saru;*

*26. Illi in vista' ta' dawn ir-rizultati ta' Scott-Ham, presenza ta' dawn is-sustanzi li kienu prezenti fil-kampjun tal-fwied li gie analizzat, jindika li f'xi hin qabel il-mewt ta' Agius, din hadet jew inghatat opiate li ma kinx kodeina;*
*27. Illi kombinat mal-fatt illi giet misjuba puntura friska fuq wahda mill-vini superficjali tad-dorsum tal-pala tal-id ix-xellugija, liema puntura saret ftit tal-hin biss qabel ma Agius mietet, peress illi kien hemm seeping frisk ta' demm mill-puntura fil-vina ghas-soft tissue, huwa probabbli li Agius giet injettata b'opiate ftit tal-hin biss qabel ma mietet;*
*28. Illi huwa fatt li meta d-doza tad-droga li tinghata fil-vina tkun xi daqsxejn gholja aktar mis-soltu, specjalment jekk id-droga tkun pura, din tista' tipproduci dipressjoni tant severa fic-centru respiratorju li l-persuna li tkun hadet jew inghatat id-droga tmut f'qasir zmien. Tant l-opiates jiddipressaw ic-centru respiratorju f'qasir zmien illi fl-esperjenza tieghu l-esponent ra kazijiet fatali fejn is-siringa kienet ghadha mdahhla fil-vina;*
*29. Illi meta jigri hekk, il-persuna f'daqqa wahda tbiddel il-kulur, issir pallida u vjola, tista' taqleb ghajnejha u jista' jkun hemm seizures jew accessjonijiet qawwija ezattament qabel il-mewt kagunati minn nuqqas ta' ossiginazzjoni fil-mohh kawza ta' dipressjoni fic-centru respiratorju;*
30. *Illi minhabba l-istat avvanzat ta' dekoposizzjoni tal-kadavru u minhabba l-fatt illi dan kien ilu fil-bahar ghal tul ta' zmien, kien difficli li jsiru ezamijiet kwantitattivi dwar il-koncentrazzjoni tad-droga msemmija.*"

Viva voce kkonferma dawn il-konkluzjonijiet. Irritjena allura, wara diversi domandi mid-Difiza, illi Theresa Agius giet somministrata bl-eroina bejn tnax/tmintax-il siegha sa tlitt ijiem massimu qabel mewtha – ma setax pero jidentifika bi precizjoni l-hin u zmien, vide folio 480 – 481.

Gew ezebiti wkoll in prova tar-recidiva mill-Ispettur David Saliba, diversi sentenzi a folio 174 Dok DS; a folio 116 Dok DS1; u a folio 179 Dok DS2.

Fil-konfront tal-istess, l-Ispettur Carmelo Bartolo kkonferma l-identita' tal-imputat fil-konfront tas-sentenza Dok DS2; mentri l-Ispettur Frans Micallef ikkonferma l-identita' tal-imputat fil-konfront tas-sentenza ezebita a folio 174 Dok DS.

Kif gia' inghad aktar 'il fuq fl-ezami ta' dawn l-atti processwali, l-imputat kien irrilaxxa stqarrija ezebita allura mill-Ufficjal Prosekutur bhala prova tal-Prosekuzzjoni.

Issa huwa ben ovvju li din l-istqarrija ttiehdet b'dak li din il-Qorti ssejjah ir-regime l-antik illi kien jirregola t-tehid tal-istess, allura minghajr id-dritt tal-assistenza legali moghtija lill-imputat qabel ma jigi nterrogat.

Issa, ghalkemm ma giex mitlub li tali tigi sfilzata, il-Qorti, in linea mal-izviluppi Kostituzzjonali, cioe' anke l-eta' tal-imputat meta ttiehdet, u l-fedina penali tieghu gia' kkulurita b'diversi sentenzi ta' karcerazzjoni effettiva, tqis l-istess stqarrija bhala ammissibbli.

Inoltre, jigi precizat ukoll, illi l-imputat meta ghazel illi jiddeponi, ghamel ampja referenza ghal dak illi kien qal a tempo vergine fi zmien tal-istess stqarrija.

Minn ezami allura ta' dak illi xehed viva voce, jirrizulta li huwa kien ikun ta' spiss fl-indirizz lilu ndikat fil-Gzira, peress illi hu kien joqghod hemm ma' certu Filippa Chircop.

Ammetta li hu kellu l-vizzju tad-droga, pero nnega li hu minn dan il-fond imsemmi kien ibiegh xi droga. Ammetta li kien jiehu l-smack, eroina, pero qal illi kien qata' kollox. Innega allura li hu kien biegh droga lil zewg persuni. Ammetta li kien jaf lill-mejta ghax kien ikun il-Gzira, u li kien hekk jafha minn meta din kienet maz-Zingla, certu Silvio. Qal ukoll illi fl-ahhar zminijiet kien qieghed jaraha ma' tnejn minn nies – certu Pawlu maghruf bhala l-Body Builder, u iehor maghruf bhala z-Zikizokk. Innega pero li lil dawn it-tlieta bieghilhom id-droga. Qal illi l-ahhar li ra lil Theresa Agius kien ghax kellha ttieh Lm20.00 li kien pero tah Pawlu. Innega li fl-1 ta' Ottubru, Theresa talbitu

jaqdieha - kif fil-fatt ghamel, anke li qeda persuna ohra. Wiegeb illi hu kien ma’ Filippa, u qatt ma qam jiftah il-bieb, u li jekk marru Pawlu u Theresa ma rahomx. Insista li hu kien rieqed, anzi li raqad qabel Filippa, ghalkemm ikkonferma li semaghha tghid illi kienet hadet xi pinnoli. Innega li waqt li kien rieqed xi hadd mar ihabbat il-bieb. Innega li hu qal li dakinhar kien dahhal Lm40.00 mill-bejgh tad-droga. Insista fl-istqarrija li min kien qieghed jghid dan kollu fuqu, minnu ma kinx hemm kelma wahda verita’, li kien qed ihossu tradut u li kien qieghed jibza’.

Viva voce allura, wara li kkonferma dan kollu, zied illi hemmhekk (ghand Filippa allura), kien jara droga kuljum. Jghid illi meta kien jghaddi mit-toilet sal-kcina, hlief pakketti tad-droga ma kinx jara fuq il-mejda, inkluz “*….siringi, nies overdoses gol-kcina rajthom ukoll prezenti*.” (folio 589). Qal illi hu b’dan ma kinx jaghti kaz, kienet tispicca d-droga u terga’ tigi izjed. Qal illi ma kinx jaghti kaz ghax jekk ikun hemm argument, Filippa kienet titfghu ‘l barra, tohodlu c-cavetta, u jerga’ jidhol wara jumejn. Kien imur fiz-zewg kmamar mikrija lilu fil-Belmont Hotel sakemm jergghu jirrangaw.

Qal illi hu lill-Body Builder – lil Pawlu, qatt ma kien bieglu d-droga, u li kien bieghlu biss curkett bil-fossa hamra li minnu kien ser jaqla’ Lm10.00, pero kellu jhallsu dan Pawlu Lm5.00 kuljum, pero tah biss Lm5.00 u ghamillu minflok statement.

In kontro ezami, mistoqsi x’kellu xi jghid dwar dak illi qalet fuqu Filippa – illi kien biegh erba’ pakketti eroina dakinhar li kienet naqset Theresa, wiegeb illi hi kienet wiegbet illi ma kinitx tiftakar dawn l-affarijiet. Qal ukoll illi dak li qalu fuqu Filippa u Pawlu kien kollu gideb, u li l-pulizija kienet taf min verament qatel lil Theresa, pero li kienu rrangaw biex l-affarijiet (it-tort) jaqa’ fuqu. Qal illi dan il-kliem lilu kien qalulu l-Kummissarju.
Qal illi Pawlu droga mhux minghandu kien jixtri, izda dejjem minghand Filippa.

Mistoqsi ghalfejn dam dan is-snin kollha biex jghid li Filippa u Pawlu kienu gidbu fuqu, wiegeb illi hu kien

ghamel statement, igguramenta l-istess quddiem Magistrat, u fih kien indika min kienu n-nies illi kienu jiehdu l-overdose gewwa l-flat. Qal illi biex ghamel dan l-statement, kienu nizzluh minn Mount Carmel. Qal ukoll illi hu qatt ma kien stenna li kien ser jigi akkuzat. Zied illi gol-appartament ta’ Filippa, din kienet tigi ma’ Pawlu biex tiehu d-droga; anke biex jixtru d-droga minghand Filippa.

Mistoqsi wkoll mid-Difiza dwar iz-zmien illi kien kellmu s-Sur Rizzo, wiegeb illi kien qallu li jew kien ser jikxef, jew kien ser iressqu u jehel disa’(9) snin habs. Qal illi tant kien jiftakar li kien intqal dan id-diskors, illi ftakar ukoll illi kienu anke hallewh jistenna sieghat fil-librerija ghax il-pulizija kienu kollha hargu fuq investigazzjoni ta’ omicidju doppju li kien sehh go bitha.

Maghluqa l-provi kollha prodotti, il-Qorti rat in-noti ta’ sottomissjonijiet intavolati mill-partijiet, u semghet id-debita trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-ewwel fattur illi ghandu jigi determinat huwa jekk fil-fatt Lawrence Attard kinx biegh droga lil Pawlu Micallef, Theresa Agius, u z-Zikizokk. Stabbilit dan allura, jinhtieg tigi ezaminata l-kawza tal-mewt tal-istess Theresa Agius, u jekk fil-fatt l-istess imputat kinx b’azzjonietu, involontarjament hati talli kkaguna l-mewt taghha.

Ghandu jinghad a priori li Lawrence Attard kemm fl-istqarrija kif ukoll viva voce, innega b’mod kategoriku l-involviment tieghu fir-reati lilu addebitati, u nnega li hu qatt spacca d-droga eroina jew aktar u aktar biegh l-istess lil Pawlu Micallef, Theresa Agius, u z-Zikizokk fil-lejl li ghebet Theresa.

Issa ngab fil-fatt xhud okulari tal-fatt illi l-imputat prokura din id-droga. Pero fuq ix-xhieda tieghu, id-Difiza fin-nota taghha qajmet il-punt illi dak li jghid Micallef - cioe’ illi Theresa kienet qaltlu li kienet xtrat id-droga minghand l-imputat, ma kinx ammissibbli ghax detto del detto.

Ma' dan il-Qorti ma taqbilx, u hawn ser taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Dr Lawrence Quintano nhar l-14 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Janis Caruana" (Appell Kriminali Numru 90/2011):
"*Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*

*22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:*

*'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

*23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhix stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:*

*'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been*

*created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

*24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*

*25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant.* ***Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra*** **" (enfasi tal-Qorti)**

Illi certament ghalhekk minhabba dan ic-citat, il-Qorti tqis bhala ammissibbli dak illi Pawlu Micallef xehed illi qaltlu l-mejta Theresa Agius, ghax il-mejta ma tistax certament tingab tixhed, u cioe' li fil-lejl tal-1 ta' Ottubru, kienet qalet lil Pawlu li kienet xtrat tliet qratas eroina minghand l-imputat. Kien ghalhekk allura, skont l-istess Pawlu, illi hu mar ihabbat il-bieb tal-imputat, illi hu kien jaf qabel li minghandu xtara qartas eroina. Zied Pawlu l-Body Builder, illi wara dan, flimkien ma' Theresa u z-Zikizokk, marru jittaqqbu u hawn Theresa marret f'overdose.

Anke Rodney Vella jghid punt iehor korraborrattiv dwar il-grajjiet innifishom. Xehed illi Theresa lilu kienet qaltlu li hi ma kinitx taf tittaqqab fil-vina – fatt dan ripetut u li kien jafu anke Pawlu ghax xehdu, u anke zied illi kien ghalhekk illi kien taqqabaha lil Theresa (barra drabi ohra) iz-Zikizokk.

Mela fuq skorta ta' dak hawn fuq citat, il-Qorti tqis bhala ammissibbli dak li gie ripetut illi qalet Theresa Agius - kemm lil Pawlu Micallef, kif ukoll lil Rodney Vella. Jibqa' jigi ezaminat jekk din hix il-verita'. Pawlu Micallef kien car u bla tlaqlieq f'dak illi qal fatti li rrepeta bl-istess mod tliet

darbiet. Is-sistema ta’ gbir ta’ provi taghna hija tali (inducenti wkoll ghal tul fil-proceduri), illi hemm possibbilta’ li xhud jaghti l-verzjoni tieghu ghal hafna drabi: (i) fl-istqarrija; (ii) fl-Ingenere; (iii) fl-Istruttorja; (iv) fil-Guri.

Stante li dawn il-proceduri gew rezi sommarji, Micallef allura ta l-istess verzjoni ghal tliet darbiet. Vide stqarrija kif hekk guramentata u x-xhieda tieghu viva voce.

Dan japplika anke ghal dak illi ddeponiet Filippa Chircop. Din fil-fatt fil-bidu tat verzjoni differenti, mhux biex tipprotegi lill-imputat, imma lil Joseph Azzopardi - cioe’ liz-Zikizokk, ghax kienet hekk imgieghla tghid mit-Tobbie. Fino in fondo pero, baqghet dejjem konsistenti u tikkorabora allura dak li xehed Pawlu Micallef - illi Pawlu mar il-flat taghha fejn anke kien joqghod maghha l-imputat. Habbat, fetahlu l-imputat, talbu wiehed, u l-imputat (mill-komodina), gablu u tah pakkett eroina.

Illi l-Qorti ghalhekk, ezaminati l-provi kollha f’dan ir-rigward, issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza (bit-tieni assorbita fl-istess).

Il-Qorti gia’ ppremettiet illi qabel ma tigi ezaminata t-tielet akkuza, ghandha tigi kkunsidrata r-raguni tal-mewt ta’ Theresa Agius. La darba l-Qorti accettat bhala pruvat il-fatt illi l-imputat biegh id-droga lil Theresa Agius allura, din mietet bhala konsegwenza tat-tehid tal-istess??

Certament u bla dubbju, mill-fatti prodotti u x-xhieda ta’ Pawlu Micallef, kif korraborata mid-diskors li sar kemm minn Micallef stess, miz-Zikizokk lil Rodney Vella, lil Joseph Sammut u Nathaniel Bonello. Theresa Agius giet overdose meta ttaqqbet miz-Zikizokk bi smack.

Il-kadavru ta’ Agius, kif hawn fuq raportat, kien misjub fi stat ferm avvanzat ta’ dekomposizzjoni (vide faxxikolu ta’ ritratti ezebit fl-Inkjesta, kemm minn Dr Mario Scerri kif ukoll mill-fotografu PS 1182 Ray Cassar) Dr Mario Scerri, fir-relazzjoni tieghu, jindika punturi (sinjali) f’diraghjn il-mejta. Dr Michaal Scott-Ham irrelata dwar l-uzu tal-eroina almenu!!

Illi ghalkemm mill-ezamijiet forensici ma setax jigi ben stabbilit jekk hi fil-fatt intefghetx il-bahar hajja, bla dubbju ta' xejn, Theresa Agius, konsegwenza tas-sustanzi li kellha go fiha, gia' Dalmain imbaghad l-smack kif lilha giet amministrata miz-Zikizokk, sofriet overdose.

Jibqa' allura ghalhekk biex jigi ezaminat jekk tirrizultax l-akkuza ta' omicidju nvolontarju.

L-ezami tal-fatti li jinhtieg isir, huwa jekk allura d-droga li Theresa qalet (skont Micallef) li xtrat minghand l-imputat, kinitx dik illi hi giet imtaqqba biha u wasslet ghall-overdose taghha – dan huwa n-ness illi jinhtieg jigi ppruvat biex tigi pprovata l-"*colpa*", elementi bazi ta' omicidju nvolontarju.

L-Antolisei jiddeskrivi n-nozjoni tal-"colpa" hekk:
"*Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustificata nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e la conseguenza caratterestica del reato colposo, perhce' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di avere voluto il fattu proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravviarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (78).*"
(*Manuale Di Diritto Penali, Parte Generale, 14th Edition*)

Izid illi l-"*colpa*" biex tissusisti ghandha bzonn "*…….l'essenza di quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o negligente e l'evento (nel caso: la morte di una persona.*"
Parte Speciale 1, Page 72, 14th Edition.

Pawlu Micallef, certament xhud okulari tal-ispacc, jghid hekk:
"*Lili meta Theresa Micallef (recte(Agius) qaltli li kienet inqdiet minghand Wenzu l-Ghawdxi, cioe' l-imputat*

*Lawrence Attard ……mort ghandu, habbatt il-bieb, jidhirli l-post kien Plymouth Flats. Fetahli s-Sur Attard u f'dan il-post toqghod wahda jisimha Lippa u t-tifel taghha.*"

Jghid qabel fl-istess xhieda, dejjem jitkellem fuq Theresa:

"*Qorti:* *Kont taf minn fejn tixtri Theresa Agius?*
*Xhud:* *Dakinhar lili qaltli li hi kienet xtrat droga minghand Lawrence Atttard. Jiena dan nafu bhala Wenzu l-Ghawdxi.*" (folio 38)

Aktar tard, kif gia' espost, xehed illi hu sab lil Theresa f'Testaferrata Street, talabha tiehu l-eroina fil-flat taghha, u hekk ghamlu, bil-konsegwenzi gia' esposti.

Din ix-xhieda, dejjem allura qed tirreferi ghall-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999.

Jikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu, illi skont Theresa, anke z-Zikizokk kien jixtri minghand dan l-Ghawdxi.

Il-Qorti ghazlet illi tirriproduci dawn is-siltiet ghax dawn jaghtu dawl fuq dak illi verament gie **ppruvat** li gara, in kwantu Micallef kien prezenti ghall-incident in dezamina.

Jikkonferma Micallef illi Theresa qaltlu li kienet xtrat droga dakinhar minghand l-imputat, tliet pakketti eroina versu Lm10.00-il pakkett. Mela hawn Attard qala' Lm30.00 Minghand Pawlu Micallef qala' Lm10.00 ghax Micallef xtara biss pakkett wiehed. Allura Attard gie qala' Lm40.00 Dan tikkonfermah Filippa Chircop skont dak illi qal lilha l-imputat.

Rodney Vella jirrepeti dak illi qal lilu z-Zikizokk. Ikkonferma li dan qallu li dakinhar inqdew bi tliet pakketti eroina - dan biss bhala fatt korraborrattiv, mhux qed jigi kkunsidrat bhala prova minn fejn iz-Zikizokk fil-fatt xtara d-droga.

Illi ftit u xejn jibqaghlha l-Qorti xi tghid, hlief illi min jispacca d-droga, apparti l-illegalita' tal-azzjoni nnifisha,

ghandu jkun jaf u certament jaf, illi din tista' ggib il-mewt – kif fil-fatt gara.

Illi certament hemm ness pruvat bejn l-ispacc ta' eroina *a mano* tal-imputat u l-*overdose* ta' Theresa Agius. Illi in vista' ta' hekk il-Qorti qieghda anke ssib htija f'dan ir-rigward. Tfakkar hawn il-Qorti, illi appena din giet imtaqqba, din waqghet mal-art miflufa minn sensieha, bdiet titbengel, harget ir-rahwa minn halqa, u waqfet tiehu n-nifs – dan dejjem skont Pawlu Micallef.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, maghmula dawn il-konstatazzjonijiet kollha, issib lil **Lawrence Attard** hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, bl-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel wahda, u dan wara li rat l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolament 4 tal-1939 u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; Regolament 9 tal-AL101.2002; l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkunsidrat iz-zmien twil illi hliet id-Difiza biex ressqet il-provi kemmxejn skarsi taghha; zmien anke fejn lanqas deher l-imputat jew id-Difiza anke ma tellaghtx provi;
Rat u qiest il-gravita' tar-reati kommesi;
Qieset illi nonostante ghall-fatt illi l-akkuzat fi-fatt ma kinx hu li taqqab lil Theresa Agius, illi ma tahix ghajnuna u anke sahansitra tefagghha l-bahhar minflok ghenha, pero bil-bejgh tad-droga lilha u liz-Zikizokk, ikkontribwixxa b'mod dirett ghall-mewt taghha, nonostante mhux minnu voluta – ghaldastant tikkkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt(6) snin, u ghal multa ta' ghaxart elef Ewro(€10,000);
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundahhah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €958.61

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------